MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1097/2001/1

**Cit Nru: 1097/01 JA.**

**Martin Degabriele.**

**-vs-**

**Carmel Zahra.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-18 ta’ Gunju, 2001 li bih l-attur ippremetta:

Illi nhar l-24 t' Awissu 2000 gewwa Triq Hal-Farrug, Komunita ta' Santa Maria, Hal-Luqa kien hemm (sic)hemm incident tat-traffiku bejn il-vettura numru IAB – 452 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru LAE – 512 proprjeta' tal-attur u misjuqa minn bin l-attur Kim Degabriele.

Illi dan l-incident sehh unikament tort tal-konvenut li minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolament tat-traffiku da parti tieghu meta hareg minn triq sekondarja hal wahda principali minghajr ma ha prekawzjonijiet necessarji ai termini tal-ligi.

Illi minhabba dan l-incident l-attur sofra danni ngenti fil-vettura imsemmija u ghalkemm l-attur l-ewwel kiteb permezz ta' ittra interpellatorja datata 24 ta Ottubru (sic)200 u ittra ufficjali tas-26 ta Jannar 2001 l-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli tal-incident tat-traffiku li gara nhar l-24 t' Awissu 2000 gew Triq Hal-Farrug, Komunita ta' Santa Maria, Hal-Luqa kien hemm (sic)hemm incident tat-traffiku bejn il-vettura numru IAB – 452 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru LAE – 512 proprjeta' tal-attur u misjuqa minn bin l-attur Kim Degabriele.

2. Tinnomina okkorendo periti nominandi sabiex jilikwidaw d-danni hekk kagunati.

3. tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur dak l-ammont li (sic)jig hekk likwidat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali u l-konvenut mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa minnu fit-18 ta' Gunju, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut nonostante l-verbal; tas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2003 naqas li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet u kwindi huwa kontumaci;

Rat l-atti processwali;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar 2004 li permezz taghha il-kawza thalliet ghall lul ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif gia inghad il-konvenut huwa kontumaci izda l-attur f' kazi bhal dawn xorta irid jipprova t-talba tieghu ghaliex kontumacja hija konstestazzjoni fl-ordinament gurudiku taghhna.

Il-kawza odjerna tirrizulta minn kollizjoni li sehhet fl-24 ta' Awwissu 2000 f' Hal Luqa  u jidher car li l-attur kien ghaddej minn triq principali meta l-konvenut hareg minn triq laterali u kwindi sehhet il-habta.  Kwindi ma hemm ebda dubbju li l-konvenut jahti ghall-habta.

Fir-rigward tad-danni l-attur sofra danni fil-vettura tieghu u ezebixxa numru ta' ricevuti in sostenn tat-talba tieghu. Dawn jammontaw ghal elf u erbghin lira u tnax il-centezmu (Lm1,040.12c) u mhumiex kontestati.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa t-talbiet attrici fil-kontumacja tal-konvenut, tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u d-danni li segwew u tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' elf u erbghin**

**lira u tnax il-centezmu (Lm1,040.12c.) L-ispejjez tal-kawza inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------